**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgħa, 19 ta' Frar, 2025**

Numru 1

**Rikors Nru. 10/2024**

**Filippa (Lynn) Zahra**

**vs**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Filippa sive Lynn Zahra tat-8 ta' Lulju, 2024 mid-deċiżjoni tal-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali tal-21 ta' Ġunju, 2024 li biha laqa' f'parti minnu l-appell ta' Filippa sive Lynn Zahra mid-deċiżjoni meħuda mid-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali fit-18 ta' Frar, 2021 u ddikjara li l-istess deċiżjoni hija żbaljata minħabba li l-appellanti hija intitolata għall-Pensjoni tar-Romol f'ammont li għandu jinħadem fuq is-saħħa tal-fatt illi l-ewwel armla ta' Joseph Grima ma kellhiex jedd għall-manteniment wara s-sena 2005;

Rat ir-risposta tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali fejn dan wieġeb li l-appell għandu jiġi miċħud, u kif ukoll l-appell inċidentali tiegħu fejn talab lil din il-Qorti tħassar id-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru fil-21 ta' Ġunju, 2024 u tordna

li l-atti jintbagħtu lura quddiem l-Arbitru sabiex tissejjaħ fl-arbitraġġ Angela Grima, li tiġi l-ewwel armla ta' Joseph Grima;

Rat ir-risposta ta' Filippa sive Lynn Zahra fejn din tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn l-appell inċidentali tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali għandu jiġi miċħud.

Rat l-atti kollha u semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-deċiżjoni tal-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali fejn, fil-qosor, dan iddeċieda:

(i) li l-Pensjoni tar-Romol mhijiex benefiċċju li jirċeviha l-konjuġi li jmut iżda hija jedd tal-armel jew armla li jibqa' jew tibqa' ħajja wara l-mewt ta' dak il-konjuġi. B'hekk, l-appellanti Filippa Zahra ma tista' issib ebda wens fil-klawsola numru 6 tal-kuntratt ta' separazzjoni li ġie ffirmat bejn Joseph Grima u Angela Grima fil-25 ta' Mejju, 2002, li permezz tagħha din tal-aħħar irrinunzjat għal kull dritt li kellha jew seta' jkollha fuq kull pensjoni jew benefiċċju li kellu dritt għalih Joseph Grima;

(ii) li ma hemm ebda ħjiel li Angela Grima kienet irrinunzajt għad-dritt li tirċievi l-Pensjoni tar-Romol wara l-mewt ta' Joseph Grima;

(iii) li d-Direttur Ġenerali żbalja meta fid-determinazzjoni tiegħu tal-ħlas li kellha tirċievi Angela Grima fil-Pensjoni tar-Romol, ma ħax qies tal-klawsoli kollha tal-kuntratt ta' separazzjoni li ġie ffirmat bejn Joseph Grima u Angela Grima iżda qabad u assuma li Angela Grima kienet qiegħda tirċievi l-manteniment mingħand Joseph Grima fil-ġurnata tal-mewt tiegħu;

(iv) li d-Direttur Ġenerali ma setax ma jikkunsidrax, fid-deċiżjoni tiegħu li jħallas il-Pensjoni tar-Romol lil Angela Grima, il-fatt li din kienet tilfet il-jedd tagħha għall-manteniment mingħand Joseph Grima meta hija biegħet id-dar bin-numru 81 u bil-garaxx numru 79, bl-isem Antenna, fi Triq Victor Vassallo, Misraħ Kola, Attard. Għalhekk, id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali li jħallas lil Filippa Zahra, Pensjoni tar-Romol fl-ammont ta' €26.44 kull erba' ġimgħat u €4.22 bħala

bonus ta' kull sitt xhur, kienet żbaljata, għaliex il-ħlas tal-Pensjoni tar-Romol li huwa dovut lilha għandu jinħadem fuq is-saħħa tal-fatt li Angela Grima ma kellhiex aktar jedd għall-manteniment wara l-2005, jiġifieri wara li hija biegħet id-dar, hawn fuq imsemmija;

(v) li l-artikolu 66M tal-Kap. 16 ma jsib ebda tħaddim f'dan il-każ;

(vi) li anke jekk jista' jkun il-każ li Angela Grima għamlet qligħ mhux xieraq minn fuq dahar Filippa Zahra, din hija kwistjoni ta' bejniethom li ma tistax tiġi deċiża fl-arbitraġġ minħabba li d-deċiżjoni tal-Arbitru ma tista' qatt torbot lil Angela Grima, li mhijiex parti f'dan l-arbitraġġ;

(vii) li f'dan il-każ irid jitħaddem l-artikolu 42A tal-Kap. 318 u li l-Arbitru ma jistax jieħu deċiżjoni, li għalkemm tista' tkun ipotetikament siewja, tmur kontra l-liġi; u

(viii) li l-Arbitru m'għandux kompetenza biex jiddeċiedi dwar ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem;

**Ikkunsidrat**

L-appell ewlieni ta' Filippa sive Lynn Zahra huwa magħmul minn disa' aggravji, li meta jintagħsar il-kontenut tagħhom, jistgħu jinġabru f'żewġ ilmenti, jiġifieri: (i) li hija għandha titqies bħala l-unika armla ta' Joseph Grima li hija eliġibbli għall-Pensjoni tar-Romol taħt il-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta u li b'hekk din il-Pensjoni għandha titħallas lilha b'mod sħiħ, mingħajr ebda qsim ma' Angela Grima, li tiġi l-ewwel armla ta' Joseph Grima; u (ii) li hija għandha tirċievi arretrati fil-Pensjoni tar-Romol li għandhom jinħadmu mill-jum li fih miet Joseph Grima;

Id-Direttur Ġenerali wieġeb għat-tieni ilment ta' Filippa Zahra billi saħaq li din bdiet tikkwalifika bħala "armla attwali" skont il-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, mad-dħul fis-seħħ tal-Att XVIII tal-2021. Skont id-Direttur Ġenerali, minħabba li f'dan l-Att m'hemmx klawsola retroattiva, il-liġi l-ġdida ma tistax titħaddem b'mod retroattiv u għalhekk Filippa Zahra hija eliġibbli biss għall-Pensjoni tar-Romol mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-imsemmi Att, li permezz tiegħu hija bdiet taqa' fit-tifsira ta' "armal attwali", u mhux mill-jum li fih hija romlot;

B'żieda ma' dan, dwar l-ewwel ilment ta' Filippa Zahra d-Direttur Ġenerali wieġeb li bl-appell tagħha, din qiegħda tfittex li tikkontesta il-Pensjoni tar-Romol li qiegħda attwalment titħallas lil Angela Grima skont is-sub-artikoli (1) u (2) tal-artikolu 42A tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa jsostni li skont is-sub-artikolu (3) tal-imsemmi artikolu 42A, l-armla attwali (li f'dan il-każ hija Filippa Zahra) għandha tieħu dak is-sehem tal-Pensjoni tar-Romol li jibqa' wara li jkun tħallas is-sehem dovut lill-ewwel armla (li f'dan il-każ hija Angela Grima), skont is-sub-artikoli (1) u (2) tal-istess artikolu. Jgħid li ġaladarba d-dritt ta' Angela Grima għall-Pensjoni tar-Romol għandu effett dirett fuq is-sehem li huwa jew jista' jkun dovut fl-istess pensjoni lil Filippa Zahra, fid-deċiżjoni tiegħu dwar is-sehem ta' Pensjoni tar-Romol li għandha tingħata lil Filippa Zahra, l-Arbitru spiċċa biex għadda ġudizzju wkoll fuq is-sehem tal-Pensjoni tar-Romol li għandu jitħallas lil Angela Grima. Huwa jisħaq li mhuwiex siewi li din it-tilwima tiġi deċiża fl-assenza ta' Angela Grima, li għandha interess dirett f'dawn il-proċeduri. Kien għalhekk li huwa ressaq appell inċidentali fejn talab li titħassar id-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru u li l-atti jintbagħtu lura quddiem l-Arbitru sabiex tissejjaħ fil-kawża Angela Grima;

Fuq ix-xaqliba l-oħra, Filippa Zahra tenniet li l-appell inċidentali tad-Direttur Ġenerali m'għandux jintlaqa', kemm għaliex talba biex tissejjaħ terza persuna fil-kawża ma tistax issir fl-istadju tal-appell, u kif ukoll għaliex it-talba ta' Angela Grima għall-Pensjoni għar-Romol diġà ġiet deċiża mid-Direttur Ġenerali;

Din il-Qorti tħoss li jkun xieraq li qabel tindirizza l-appell ewlieni ta' Filippa sive Lynn Zahra, hija għandha tiddeċiedi l-appell inċidentali tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali sabiex tiddetermina jekk l-Arbitru setax jiddeċiedi dwar il-ħlas ta' Pensjoni tar-Romol li huwa dovut lil Filippa Zahra bħala l-armla attwali ta' Joseph Grima, fin-nuqqas ta' preżenza ta' Angela Grima, li tiġi l-ewwel armla tal-istess Joseph Grima;

Huwa miżmum fl-artikolu 790 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li sentenza (jew f'dan il-każ, deċiżjoni ta' arbitru) tista' tiġi dikjarata nulla jekk jirriżulta li tkun ingħatat fin-nuqqas ta' ċitazzjoni ta' persuna, anke jekk dik is-sentenza tkun

ġusta fis-sustanza tagħha. Għalhekk, dak li jrid jiġi determinat minn din il-Qorti f'dan l-istadju tal-appell huwa jekk Angela Grima kinitx meħtieġa tkun preżenti fl-arbitraġġ fejn intalab l-istħarriġ tad-deċiżjoni meħuda mid-Direttur Ġenerali dwar l-ammont ta' Pensjoni tar-Romol li għandha titħallas Filippa Zahra;

Jekk it-tweġiba għal din il-mistoqsija tkun fl-affermattiv, allura d-deċiżjoni appellata tiġi li ma tiswiex u din il-Qorti ma jkollhiex triq oħra ħlief li tħassar id-deċiżjoni appellata u tibgħat l-atti lura lill-Arbitru sabiex jerġa' jisma' l-każ mill-ġdid wara li tissejjaħ fl-arbitraġġ Angela Grima. Tassew, għalkemm skont l-artikolu 961 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tal-Appell m'għandhiex is-setgħa li ssejjaħ lil xi ħadd biex jieħu sehem fi stadju ta' appell, bil-maqlub ta' dak li tissottometti Filippa Zahra fit-tweġiba tal-appell tagħha, is-solluzzjoni f'każ bħal dak tkun li l-atti jergħu jintbagħtu lura lill-Arbitru, bħala l-ġudikant tal-ewwel grad, sabiex dan isejjaħ fl-arbitraġġ lil dik il-persuna li suppost kellha tkun fih (ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ***Environmental Landscapes Consortium Limited v. Il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Lulju, 2024);

Mill-banda l-oħra, jekk it-tweġiba għal din il-mistoqsija tinsab li hija fin-negattiv, allura din il-Qorti tkun tista' tissokta biex tgħarbel l-appell ewlieni ta' Filippa Zahra;

Din il-Qorti tifhem li din it-tilwima nibtet permezz ta' appell li tressaq minn Filippa Zahra skont l-artikolu 108 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, kontra deċiżjoni li ħa d-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali fil-konfront tagħha. Għalhekk, ladarba din il-proċedura ma setgħetx tinbeda b'rikors maħluf, Filippa Zahra ma kellhiex id-diskrezzjoni li tagħżel lil min tħarrek u ma tħarrikx, u b'hekk ma kellhiex triq oħra għajr li tmexxi bl-appell tagħha biss kontra id-Direttur Ġenerali;

Madankollu, jeżistu ċirkostanzi straordinjari fejn tilwima ma tkunx tista' tissokta 'l quddiem jekk kemm-il darba ma jissejħux fiha dawk il-partijiet li mingħajrhom il-ġudizzju ma jistax ikun wieħed sħiħ, b'dana li jekk il-ġudizzju jingħata fl-assenza tagħhom, dan jispiċċa biex ikun sar għalxejn għax ma jkollu siwi u

valur ta' xejn. F'dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet ikun fl-aqwa interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja li d-deċiżjoni tibqa' ma tingħatax qabel ma l-qorti tal-ewwel grad (jew l-arbitru jew inkella t-tribunal, skont ma jkun il-każ) issejjaħ minn jeddha jew fuq talba tal-partijiet, lil dik il-persuna interessata fil-kawża sabiex b'hekk il-ġudizzju jkun wieħed utli u integru. Fuq kollox, is-sehem tal-persuna rilevanti fit-tilwima għandha importanza mhux biss għall-qorti biex il-ġudizzju tagħha jkun wieħed sħiħ u biex ma tiħux xogħol għalxejn, iżda għandu importanza wkoll kemm għall-persuna li tkun nediet il-proċedura legali u kif ukoll għall-istess persuna li kellha tkun parti fit-tilwima (ara ***Improved Design Limited v. Anthony Mifsud*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' April, 2013);

Dan hu hekk għal żewġ raġunijiet ewlenija: (i) sabiex is-sentenza finali jkollha effett kontra l-persuni kollha rilevanti għall-għanijiet tal-Artikolu 237 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid li sentenza ma tista' qatt tkun ta' ħsara għal min ma jkunx parti fil-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza; u (ii) sabiex dik il-persuna rilevanti, bħala l-imsejħa fil-kawża, jingħatalha d-dritt li tinstema' f'kawża li tista' tolqot ħażin l-interessi tagħha (ara ***Josephine Azzopardi pro et noe v. Onorevoli Prim Ministru et*** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' April, 2018 u ***Avukat Dottor Alfred Grech v. L-Avukat Ġenerali et*** maqtugħa mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Settembru, 2019);

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-każ li għandha quddiemha jaqa' sewwasew fil-keffa taċ-ċirkostanzi straordinarji, hawn fuq imsemmija;

Il-Qorti tagħraf li l-artikolu 42A tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi għal sitwazzjoni fejn il-persuna assigurata li tmut, tkun ħalliet warajha aktar minn armla waħda, bħala konsegwenza li tkun iddivorzjat matul ħajjitha. F'dan il-każ, il-mejjet Joseph Grima ma laħaqx iddivorzja minn mal-ewwel mara tiegħu, Angela Grima, qabel miet, u lanqas laħaq iżżewweġ lil Filippa Zahra, li kien f'koabitazzjoni magħha matul l-aħħar għaxar snin qabel miet. Madankollu, bit-tibdil li sar fit-tifsira ta' armla attwali bid-dħul fis-seħħ tal-Att XVIII tal-2021, huwa beda jitqies li mal-mewt tiegħu huwa ħalla warajh aktar minn armla waħda, daqslikieku huwa reġa' żżewweġ, din id-darba lil Filippa

Zahra. B'hekk, għall-għan ta' determinazzjoni tal-ħlas tal-Pensjoni tar-Romol, Angela Grima trid titqies bħala l-armla filwaqt li Filippa Zahra trid titqies bħala l-armla attwali;

Issa, fis-sub-artikoli (1) u (2) tiegħu, l-artikolu 42A tal-Kap. 318 jgħid kif għandu jinħadem is-sehem tal-Pensjoni tar-Romol li huwa dovut lill-armla (jiġifieri lill-ewwel mara), filwaqt li fis-sub-artikolu (3) tiegħu jipprovdi li l-armla attwali (jiġifieri t-tieni mara) għandha titħallas is-sehem mill-Pensjoni tar-Romol li jibqa' wara li jitħallas is-sehem tal-armla. Dan ifisser li skont il-liġi, is-sehem sħiħ li jista' jitħallas fil-Pensjoni tar-Romol li s-superstiti ta' Joseph Grima irid jinqasam f'żewġ ismha: (i) l-ewwel sehem jitħallas lil Angela Grima, bħala l-armla ta' Joseph Grima, skont is-sub-artikoli (1) u (2) hawn fuq imsemmija; u (ii) is-sehem li jibqa' wara dak il-ħlas, jitħallas lil Filippa Zahra, bħala l-armla attwali ta' Joseph Grima, skont is-sub-artikolu (3);

B'dan kollu meqjus, din il-Qorti ma tarax kif din it-tilwima setgħet qatt titkompla mingħajr il-preżenza fiha ta' Angela Grima. Kwalunkwe tibdil fis-sehem mill-Pensjoni tar-Romol dovut lil Filippa Zahra, li jista' jiġi ordnat kemm mill-Arbtiru u kif ukoll minn din il-Qorti, sejjer indubbjament jolqot l-intitolament ta' Angela Grima. Tassew, billi l-Pensjoni tar-Romol trid tinqasam bejn l-armla u l-armla attwali skont is-sehem li huwa dovut lilhom rispettivament, f'każ li l-Arbitru jew il-Qorti jordnaw żieda fl-intitolament ta' Filippa Zahra għal din il-Pensjoni, dan ikun awtomatikament ifisser li l-intitolament ta' Angela Grima għall-istess Pensjoni sejjer jonqos;

Bil-maqlub ta' dak li tgħid Filippa Zahra fit-tweġiba tal-appell tagħha, jekk tiġi ordnata ż-żieda fl-intitolament tagħha għall-Pensjoni tar-Romol, dan sejjer jimbotta lid-Direttur Ġenerali: (i) biex skont l-Artikolu 110 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu li jħallas il-Pensjoni tar-Romol lil Angela Grima fl-ammont li qiegħed iħallasha attwalment, u minflok inaqqas l-intitolament tagħha; u (ii) biex skont l-Artikolu 102 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, jitlob mingħand Angela Grima il-ħlas lura tas-somom fl-istess Pensjoni li din ma kellhiex dritt għalihom;

M'hemmx dubju għalhekk, li t-talba mressqa minn Filippa Zahra, kemm fl-Arbitraġġ u kif ukoll f'dan l-appell, biex il-Pensjoni tar-Romol dovuta lis-superstiti ta' Joseph Grima titħallas kollha kemm hi lilha, sejra tolqot fil-laħam il-ħaj lil Angela Grima, jekk din it-talba tagħha tintlaqa'. Fil-fehma ta' din il-Qorti, mingħajr Angela Grima bħala parti f'din it-tilwima, it-talba ta' Filippa Zahra biex tirċievi s-sehem kollu mill-Pensjoni tar-Romol ma' tistax tiġi deċiża;

B'sobgħa, din il-Qorti jkollha tistqarr li l-Arbitru ma kien siewi xejn li ssokta bis-smigħ tal-arbitraġġ mingħajr il-preżenża ta' Angela Grima fih. Ladarba li bid-deċiżjoni tiegħu kien hemm il-possibbiltà li jintlaqat l-intitolament ta' Angela Grima għall-Pensjoni tar-Romol, l-Arbitru kien fid-dmir li jdaħħal lil Angela Grima bħala parti fl-arbitraġġ, u jħalliha tressaq il-provi u s-sottomissjonijiet tagħha dwar dak li qiegħda titlob Filippa Zahra (ara ***B. Grima & Sons Ltd v. L-Avukat tal-Istat*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Ottubru, 2022). Madankollu, l-Arbitru mexa *audi unam partem* flok *audi alteram partem*;

Dan kollu jfisser li d-deċiżjoni li ngħatat mill-Arbitru ma tiswiex għaliex din ingħatat fl-assenza ta' Angela Grima. B'hekk, din il-Qorti sejra tilqa' l-appell inċidentali tad-Direttur Ġenerali billi tħassar id-deċiżjoni tal-Arbitru u tordna li l-atti jintbagħtu lura lilu biex isir smigħ wara li tissejjaħ fl-arbitraġġ Angela Grima. Billi l-appell inċidentali sejjer jintlaqa', din il-Qorti ma jeħtiġilhiex tidħol biex tqis l-aggravji fl-appell ewlieni ta' Filippa Zahra;

Din il-Qorti tagħlaq billi tgħid li fid-dawl tas-sentenza li qiegħda tingħata llum, għandu mnejn li ħafna minn dak li sar sa issa quddiem l-Arbitru sar għaxejn. Dan seta' faċilment ġie evitat li kieku l-Arbitru jew xi ħadd mill-partijiet ħasbu mill-bidu nett biex isejħu lil Angela Grima fl-arbitraġġ, bil-għan li l-ġudizzju jkun wieħed sħiħ. Għalhekk, ikun xieraq li l-ispejjeż marbuta mal-appell ewlieni u l-appell inċidentali jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet;

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tastjeni milli tieħu qies tal-appell ta' Filippa sive Lynn Zahra, tilqa' l-appell inċidentali

tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali u b'hekk tħassar id-deċiżjoni tal-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali tal-21 ta' Ġunju, 2024, u tibgħat l-atti lura lill-Arbitru sabiex isir is-smigħ wara li tissejjaħ fl-arbitraġġ Angela Grima. Il-każ għandu jinstema' minn Arbitru li għadu ma tkellimx dwar il-mertu tat-tilwima li nibtet bejn il-partijiet.

L-ispejjeż kollha marbuta mal-appell ewlieni u mal-appell inċidentali għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Anne Xuereb
Deputat Reġistratur